*-bidu tad-dekorriment tal-perjodu ta' preskrizzjoni meta d-danni jkomplu jiżviluppaw*

*-preskrizzjoni skont Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tas-7 ta' Mejju, 2019.**

**Rikors Ġuramentat Nru 792/18GM**

Michael Angelo Fenech KI Nru 440647M

-vs-

Joseph Gaffarena KI Nru 251451M

Il-Qorti,

Rat it-Talba Maħlufa tal-attur ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2018 li permezz tagħha l-attur talab il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni minħabba magazzinaġġ ta' trakkijiet bejn il-15 ta' Marzu, 2011 u s-26 ta' Gunju, 2017;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-konvenut ipprezentata fil-5 ta' Settembru 2018 li permezz tagħha rribatta l-pretenzjonijiet tal-attur għar-raġunijiet hemm imniżżla;

Rat li bi qbil bejn il-partijiet, din il-Qorti kif issa ppreseduta (fol 56) ordnat l-allegazzjoni tal-proċess u sentenza numru 244/2011 fl-istess ismijiet tal-kawża odjerna u li l-provi ta' dik il-kawża jkunu parti mill-provi f'din il-kawża safejn huma applikabbli;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti, u l-atti kollha tal-każ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat li l-konvenut ma ressaqx nota ta' sottomissjonijiet

Ikkunsidrat:

**Fatti**

Illi l-fatti ewlenin li taw lok għal din il-kawża żvolġew kif ġej:

1. L-attur biegħ sitt trakkijiet lill-konvenut iżda xi żmien wara, l-istess konvenut telaq tnejn minn dawn it-trakkijiet fuq proprjeta` tal-attur li tinsab f'Marsaxlokk u hallihom hemm fi stat ta' abbandun;

2. Għalkemm l-attur talab lill-konvenut sabiex inehhi it-trakkijiet mill-proprjeta` tiegħu u intimah ukoll li, fin-nuqqas li jagħmel dan, huwa kien ser izommu responsabbli għad-danni, il-konvenut xorta wahda rrifjuta li jagħmel dan minhabba li ma riedhomx;

3. Għall-ħabta tas-sena 2009, l-Awtorita` tal-Ippjanar, dak iż-żmien l-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), harget *enforcement notice* fuq is-sit u sabiex jitneħħew it-trakkijiet imsemmija, u l-attur informa lill-konvenut b'dan b'ittra uffiċjali tas-7 ta' April, 2009. Madanakollu l-konvenut xorta wahda baqa' ma neħħiex it-trakkijiet;

4. Sabiex jevita li l-uffiċjali tal-Mepa jieħdu azzjoni huma u b'hekk jiżdiedu l-ispejjeż, u billi ma kellux żmien, l-attur garr il-fuq imsemmija trakkijiet go proprjeta` ta' kumpanija bl-isem Luboil Manufacturers Co. Limited (Luboil), li l-attur huwa azzjonist tagħha flimkien ma' ħuħ Alfred Fenech. Sussegwentement għal dan l-attur kien iltaqa mal-konvenut u kien għarrfu li kien bi ħsiebu jiddepożita t-trakkijiet fir-Registru tal-Qorti u dan kien ser ifisser aktar spejjeż ta' trasport u ta' kera aktar u l-konvenut, filwaqt li ddikjara li kien ser jgħaddi għat-trakkijiet f'xi hin, talab ll-attur sabiex jibqa' jżomm it-trakkijiet u ma jċaqlaqhomx minn fejn kienu;

5. Għalkemm il-konvenut f'xi żmien wiegħed illi kien ser jgħaddi sabiex jiġbor it-trakkijiet mill-post fejn kienu qegħdin maħżuna, huwa baqa' qatt m'għamel dan u għalhekk l-attur ma kellux triq oħra ħlief li jipproċedi ġudizjarjament kontrih permezz ta' kawża fl-istess ismijiet fuq premessi bin-numru ta' referenza 244/2011. Fiha talab likwidazzjoni u ħlas tad-danni relattivi għall-ispejjeż inkorsi minnu kemm tal-**ġarr** tat-trakkijiet sabiex dawn ittieħdu mill-proprjeta` tiegħu għal ġewwa l-proprjeta` tal-kumpanija Luboil, fis-somma ta' €1,397.62; u kif ukoll relattivi għall-**ħazna** tal-imsemmija trakkijiet fil-proprjeta` tal-kumpanija Luboil għal 730 jum, ċjoe` mill-14 ta' Marzu, 2009 sal-14 ta' Marzu, 2011, fis-somma ta' €17,001.70. Il-kawża nqatgħet minn din il-Qorti diversament ippreseduta fit-28 ta' Mejju, 2013 (**Dokument A**) u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017 (**Dokument B**). Il-Qorti in *prim istanza* laqgħet it-talbiet attrici u ddeċidiet hekk:

"Tillikwida d-danni msemmija fl-ammont ta' €18,376.03; u

"Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet

mis-7 ta’ April 2009 sad-data tal-pagament effettiv. **B’riserva għall-danni ulterjuri**;

“Tordna lill-konvenut jigbor l-ingenji in kwistjoni spejjeż tiegħu u fin-nuqqas li dan isir fi żmien xahar mid-data ta’ din s-sentenza l-attur qed jigi awtorizzat inehhi u/jew jiddistruggi huwa stess l-ingenji in kwistjoni spejjeż tal-konvenut.*”*

6. Il-konvenut baqa’ qatt ma ġabar t-trakkijiet proprjeta` tiegħu u minħabba f’hekk l-attur baqa jinkorri spejjeż ta’ kera sabiex dawn baqaw jinżammu fil-proprjeta` tal-kumpanija Luboil, fil-perijodu bejn il-15 ta’ Marzu, 2011 u s-26 ta’ Gunju, 2017 ċjoe` xahar wara l-għotja tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, meta l-attur kien awtorizzat li jiddisponi liberament mit-trakkijiet in kwistjoni;

**L-ewwel eċċezzjoni**

Illi l-ewwel eċċezzjoni hi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16. L-attur ma jikkwerelax jekk din hix id-disposizzjoni applikabbli u jidher li għandu raġun. It-talba tal-attur mhix ġejja mill-iskrittura ta’ bejgħ bejn il-partijiet iżda mill-aġir sussegwenti tal-konvenut li ddeċieda li jħalli t-trakkijiet fil-pussess tal-attur. Kull hsara li ggarrab persuna minn għemil jew nuqqas ta’ haddiehor waqt it-twettieq ta’ kuntratt jikkostitwixxi htija kuntrattwali, filwaqt li hija htija akwiljana meta jigi ppruvat li l-għemil li kkawża l-hsara jkun għal kollox mifthum u awtonomu mir-rabta kuntrattwali. Hawnhekk il-konvenut ma kiser l-

ebda obbligu kuntrattwali u għalhekk m'hemmx dubbju li l-artiklu 2153 huwa applikabbli.

**Illi f'din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni minħabba magazzinaġġ ta' trakkijiet** bejn il-15 ta' Marzu, 2011 u s-26 ta' Gunju, 2017 u ċjoe` sad-data meta ġie awtorizzat mill-Qorti jiddisponi liberament mit-trakkijiet in kwistjoni. Huwa ppreżenta ittra uffiċjali fit-3 t'Awwissu 2017 (fol 31) u din il-kawża fil-31 ta' Lulju 2018. L-attur jilqa' għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi jiċċita ġurisprudenza li tistabbilixxi li meta l-entita` tal-ħsara ma tkunx tista' tiġi stabbilita b'mod definittiv, billi tkun qiegħdha tikber kontinwament, allura l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex miexi. Fi kliem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) in re: **Helen armla tal-President tal-Qorti tal-Appell Dottor Carmelo Schembri v Anthony George Zahra** 1 iċċitata mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu**:**

> "… jezistu sitwazzjonijiet ta' certi impedimenti li jagħmluha impossibli, jew difficli, għall-ezercizzju tal-azzjoni li tkun, mill-parti. Dan jokkorri, perezempju, meta l-ammont ta' hsara jiehu tul ta' żmien biex jigi determinat, għax il-"hsara" tirrepeti ruhha kultant żmien. Ma tistax tinbeda kawża biex fiha jintalab kumpens għal hsarat li għadhom ma gewx kristalizzati, u l-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jgħaddi sakemm, fil-fatt, il- hsara tibqa' tiggrava (ara, perezempju, il-kaz Micallef v. Direttur tax-Xogħlijiet, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2001). Din il-Qorti, f'sentenza ricensuri mogħtija fis- 26 ta' Gunju 2009, fil-kawża fl-ismijiet Muscat et v. Muscat Scerri et kienet osservat hekk f'kuntest simili:
>
> ".........kif qalet ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawża Portelli v.

---

1 Mogħtija fit-28 ta' Settembru 2012, per S.T.O Silvio Camilleri, Onor. Raymond C. Pace, Onor. Tonio Mallia

Attard, deciza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d- danni ma jigux determinati f'mument wiehed, iżda jibqgħu javveraw ruhhom tul iż-żmien, b'mod li jista' jingħad li l- hsara qegħdha kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f'dan il-kaz, it-terminu ta' preskrizzjoni jkun kontinwament qed jigi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jgħaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xogħlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir."

jew fil-kaz tal-lum, minn meta ssir il-konsenja tac-cwievet jew l-izgumbrament effettiv, u cioe`, 3 ta' Gunju 2004, ftit jiem qabel il-ftuh ta' din il-kawża (ara wkoll Galea v. Cauchi, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Marzu 2010). Ma jistax, għalhekk, jingħad li l-azzjoni attrici hi preskritta".

Din il-Qorti taqbel ma' din il-ġurisprudenza u għalhekk tqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija mingħajr fundament ġuridiku;

**It-tieni eċċezzjoni**

Illi t-tieni eċċezzjoni hija kontenuta f'paragrafi (3) u (4) tar-Risposta Ġuramentata, li jaqraw hekk:

"3. Illi l-attur, *ex admissis*, stqarr fir-rikors promotorju tiegħu, illi dawn l-inġenji kienu ilhom qed jinżammu fil-proprjeta` tas-soċjeta` Luboil Manufacturers Co. Ltd sa minn l-14 ta' Marzu 2009.

"4. Illi l-esponenti jikkontendi illi allura kellha tkun din is-soċjeta u mhux l-atturi li kellha tiftaħ kawża kontra l-esponenti għall-ħlas tal-ħażna ta' dawn l-inġenji stante illi dawn l-inġenji ma kienux aktar baqgħu fil-proprjeta`' tal-attur iżda tmexxu għal ġewwa proprjeta` oħra li ma kinitx tiegħu";

Illi din l-eċċezzjoni hija waħda frivola. It-trakkijiet tqiegħdu fil-proprjeta` ta' ***Luboil*** mill-attur u mhux mill-konvenut. M'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn din il-kumpannija u l-konvenut;

**It-tielet eċċezzjoni:**

Illi din l-eċċezzjoni (paragrafu 5 tar-Risposta Guramentata) hija li l-attur ma ressaqx prova tal-ħlas lil ***Luboil*** fir-Rikors Ġuramentat. L-attur iżda xehed li għamel tpaċija mal-istess kumpannija (fol 98 u 125A) u esebixxa dokumenti in sostenn (fol 104 u 106);

**Ir-raba' eċċezzjoni**

Illi l-konvenut jeċepixxi (para 6 sa 9 tar-Risposta Guramentata) li ***Luboil*** ma teżistix:

> "6. Illi l-esponenti jistqarr bl-aktar serju illi l-atturi Michael Angelo Fenech ħa ġurament falz f'dan ir-rikors ġuramentat u qiegħed iqarraq b'din il-Qorti meta huwa stqarr is-segwenti:
>
> Paragrafu 4 "l-attur garr il-fuq imsemmija trakkijiet go proprjeta` ta' kumpanija Luboil Manufacturers Co. Limited (Luboil), li l-atturi huwa (sottolinjar tal-esponenti) azzjonist tagħha flimkien ma' ħuħ Alfred Fenech".
>
> Paragrafu 8 "l-attur baqa jinkorri spejjeż ta' kera sabiex dawn baqaw jizammu fil-proprjeta` tal-kumpanija Luboil, fil-perjodu bejn il-15 ta' Marzu 2011 s-26 ta' Gunju 2017".

“7. Illi s-soċjeta’ Luboil Manufacturers Co. Ltd llum ma teżistix u ilha mħassra minn fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet sa mill-31 ta’ Ottubru 2012 (Dok. A)

“8. Illi għalhekk l-attur qatt ma seta’ jiddikjara illi huwa kien ilu jħallas kera lil soċjeta’ defunta sa Ġunju 2017 meta din ma kinitx tezisti aktar wara l-31 ta’ Ottubru 2012. L-esponenti jsaqsi min kien qiegħed joħroġ l-irċevuti u fejn huma?

“9. Illi għalhekk l-esponenti jikkontendi illi din il-kawża hija bbażata fuq premessi foloz bl-intenzjoni li tiġi komessa frodi fil-konfront tal-esponenti.”

Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova dwar din l-eċċezzjoni. Dan apparti li b’digriet tal-10.12.2018 fl-atti tar-Rikors Nru. 469/2017 JZM fl-ismijiet Michael Angelo Fenech v Registratur tal-Kumpanniji ġie ordna li din il-kumpannija terġa’ tidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji (ara 89);

Illi m’hemm l-ebda dubbju li l-attur ipprova d-danni minnu sofferti fis-somma ta’ €53,473.84.(fol 60) ħlas ta’ magazzinaġġ għall-vetturi in kwistjoni;

**Decide:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni li kkaġuna lill-attur relattivi għall-magazzinagg tat-trakkijiet tal-konvenut għall-perijodu bejn il-15 ta’ Marzu, 2011 u s-26 ta’ Gunju, 2017;

2. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attur għall-perijodu fuq imsemmi fis-somma ta' €53,473.84 u

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali numru elfejn tmin mija u tlieta tas-sena elfejn u sbatax (2803/2017), kontra l-konvenut.

ONOR. IMHALLEF
GRAZIO MERCIECA